



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.12.2014
COM(2014) 717 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Rapport Annwali 2013 għall-Istrument tal-Istabilità

{SWD(2014) 344 final}

WERREJ

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Rapport Annwali 2013 għall-Istrument tal-Istabilità

Werrej

1.	Introduzzjoni	4
2.	L-Istruttura tal-Istrument għall-Istabbiltà (IfS)	4
3.	L-Implimentazzjoni tal-Istrument għall-Istabbiltà	5
4.	Ħarsa Ġenerali lejn l-IfS għall-perjodu 2007-2013	5
5.	Is-Sitwazzjoni Attwali tal-IfS fl-2013	7
6.	Ir-rispons għal sitwazzjonijiet ta' kriżi jew kriżi emerġenti (IfS, l-Artikolu 3).....	8
6.1.	Kif l-IfS irrisponda għall-kriżijiet fl-2013	8
6.2.	Min kien involut fl-azzjonijiet ta' rispons għall-kriżijiet tal-IfS?	10
7.	Assistenza fil-kuntest tal-kondizzjonijiet stabbli għall-kooperazzjoni (l-Artikolu 4 tal-IfS)	11
7.1.	Theddidiet għas-sigurtà u għas-sikurezza (l-Artikolu 4.1 tal-IfS)	12
7.2.	Il-mitigazzjoni tar-riskji marbuta ma' materjali Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari (CBRN) (l-Artikolu 4.2 tal-IfS)	14
7.3.	Bini tal-kapaċità qabel il-kriżi u wara l-kriżi (l-Artikolu 4.3 tal-IfS)	16
8.	Konklużjoni	20

1. INTRODUZZJONI

Dan is-seba' Rapport Annwali dwar l-Istrument għall-Istabbiltà (IfS), ir-rapport finali minn din is-serje ta' rapporti taħt il-bażi legali eżistenti,¹ huwa sottomess lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, b'konformità mar-rekwiżit tar-rapportar stabbilit fl-Artikolu 23 tar-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument għall-Istabbiltà.²

L-Istrument għall-Istabbiltà kien għodda importanti li tqiegħdet taħt l-awtorità tar-Rappreżentanta Għolja/Viċi President u tal-Kummissarju responsabbli għall-Iżvilupp, illi tippermettilhom jtimmiraw ir-riżorsi b'appoġġ għall-approċċi komprensivi tal-UE mmirati lejn il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u t-trattament tal-konsegwenzi tal-kriżijiet u t-theddiet għas-sigurtà fuq perjodu ta' żmien itwal madwar id-dinja. Ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn il-mod kif l-IfS kien immobilizzat għal dan il-għan fl-2013.

Dan ir-rapport huwa kkomplimentat minn tliet Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jipprovdu aġġornamenti komprensivi u ddettaljati tal-implimentazzjoni globali fuq i) miżuri urġenti ta' rispons għall-kriżijiet mill-IfS li kienu mnedija u/jew li kienu għadhom għaddejjin fl-2013, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal Parti 1 u 2); u ii) azzjonijiet tal-IfS li jistgħu jiġu pprogrammati fuq perjodu ta' żmien itwal skont l-Artikoli 4.1, 4.2 u 4.3 tar-Regolament.

2. L-ISTRUTTURA TAL-ISTRUMENT GĦALL-ISTABBILTÀ (IFS)

L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament dwar l-IfS stabbilixxew it-tipi ta' attivitajiet li għalihom jista' jiġi mmobilizzat dan l-istrument.

L-Artikolu 3 jipprevedi 'assistenza fir-rispons għall-kriżijiet jew għall-kriżijiet emerġenti'.

L-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-IfS jipprevedi komponent programmabbli tal-Istrument li jikkompreni programmi tal-IfS fuq perjodu ta' żmien itwal li jindirizzaw tliet oqsma fokali:

- Is-sikurezza u t-theddiet għas-sigurtà f'kuntest trans-reġjonali (l-Artikolu 4.1);
- Il-mitigazzjoni tar-riskji marbuta mal-materjal Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari (Chemical, Biological, Radiological & Nuclear - CBRN) (l-Artikolu 4.2); u
- Il-bini ta' kapaċità qabel u wara kriżi (l-Artikolu 4.3).³

¹ L-IfS kien applikabbli mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013. L-Istrument il-ġdid li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP) (ir-Regolament (UE) Nru. 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi l-istrument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi), li r-rapporti annwali futuri għalih għandhom jiġu sottomessi mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stipulat taħt it-Titolu IV, l-Artikolu 13 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni Komuni (Common Implementing Rules - CIR) għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament ta' azzjoni esterna, japplika mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

² Ir-Regolament (KE) Nru. 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006; ĠU L 327/1 24.11.2006.

³ Magħrufa wkoll bħala s-'Sħubija għall-Bini tal-Paċi' ('Peace-building Partnership' - PbP) tal-IfS.

3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRUMENT GĦALL-ISTABBILTÀ


Is-Servizz tal-Kummissjoni għall-Istrumenti tal-Politika Barranija (Foreign Policy Instruments - FPI) jaħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib ħafna mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (European External Action Service - EEAS), korp funzjonalment awtonomu tal-Unjoni Ewropea.⁴ Iż-żewġ servizzi jirrapportaw lir-Rappreżentanta Għolja/Viċi President Ashton, bl-FPI jaqa' taħt ir-responsabbiltajiet tagħha bħala Viċi President tal-Kummissjoni. Il-ħidma skont l-Artikoli 4.1 u 4.2 titwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissarju għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp.

L-EEAS ipprovda d-direzzjoni politika għall-Artikolu 3 tal-Istrument għall-Istabbiltà u ħadem b'mod konġunt fuq it-tnejn ta' miżuri mal-FPI, li kien responsabbli mill-implimentazzjoni tal-azzjonijiet maqbula. L-EEAS ipprovda wkoll l-i-programmar strateġiku għall-Artikolu 4 permezz tad-Dokumenti ta' Strateġija u l-Programmi Indikattivi Multiannwali. Il-Programmi ta' Azzjoni Annwali (Annual Action Programmes - AAP) korrispondenti huma definiti u esegwiti mid-DG DEVCO (id-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni) għall-Art. 4.1 u 4.2 u mill-FPI għall-Art. 4.3.

4. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-IFS GĦALL-PERJODU 2007-2013

Wara seba' snin fl-eżistenza, l-IFS ipprovda assistenza lejn l-indirizzar taċ-ċiklu sħiħ ta' prevenzjoni, rispons u rkupru tal-konflitti u l-kriżijiet madwar id-dinja, l-indirizzar tat-treddidiet għas-sigurtà fil-livelli nazzjonali, reġjonali u transreġjonali u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-prevenzjoni tal-konflitti u r-rispons għall-kriżijiet.


Figura 1: Il-finanzjament mill-IFS għall-attivitajiet skont l-Artikoli 3, 4.1, 4.2 u 4.3 (ammont totali ta' EUR 1,57 biljun għall-perjodu 2007-2013 (skont l-allokazzjonijiet tal-finanzjament))



⁴ Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (2010/427/UE), ĠU L201

Matul il-perjodu 2007-2013, il-komponent tal-IFS iddedikat għar-rispons għall-kriżijiet fuq perjodu ta' żmien qasir (l-Artikolu 3) għamel disponibbli **EUR 1,08 biljun għal xejn inqas minn 288 azzjoni li jirrispondu għall-kriżijiet u li huma mifruxa fuq 70 pajjiż jew reġjun madwar id-dinja**. Il-Figura 2 turi l-kopertura ġeografika għal dan il-perjodu.

Figura 2: Il-kopertura ġeografika tar-rispons għall-kriżijiet mill-IfS, mill-2007 sal-2013 (skont l-allokazzjonijiet tal-finanzjament)



Matul l-istess perjodu, tpoġġew għad-dispożizzjoni madwar **EUR 502,45 miljun għall-element programmabbli fit-tul** tal-IfS, li jkopri l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 4.1, 4.2 u 4.3. Il-Figura 1 tispjega kif tqassam il-finanzjament fost il-miżuri ta' rispons għall-kriżijiet (l-Art. 3) u l-programmi mifruxa fuq perjodu ta' żmien itwal (l-Art. 4) f'dan il-perjodu.

5. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAL-IFS FL-2013

Mill-baġit ta' **EUR 309,3 miljun** disponibbli u impenjat b'mod sħiħ għall-IfS fl-2013,⁵ it-tqassim tal-allokazzjonijiet kien kif ġej:


- EUR 210,7 miljun għal sitwazzjonijiet ta' kriżi jew kriżi emerġenti (l-Art 3);
- EUR 30,3 miljun għar-rispons għal theddidiet trans-reġjonali (l-Art 4.1);
- EUR 44,3 miljun għall-mitigazzjoni tar-riskji relatati mas-CBRN (l-Art 4.2); u
- EUR 24 miljun għall-bini ta' kapaċità qabel u wara kriżi (l-Art 4.3).

Permezz ta' noti regolari ppreżentati lill-Kumitat Politiku u tas-Sigurtà, il-Kunsill inżamm informat dwar l-ippjanar ta' miżuri ġodda ta' rispons għall-kriżijiet skont l-Art. 3, kif ukoll inżamm aġġornat dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri li għadhom għaddejjin. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Konflitt, is-Sigurtà u l-Iżvilupp tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament Ewropew, li kien stabbilit fil-qafas tal-iskrutinju demokratiku tal-IfS, beda 6 trilogi fuq livell politiku ma' rappreżentanti mill-Kummissjoni u l-EEAS u madwar 15-il laqgħa teknika matul is-sena.

F'termini tad-**distribuzzjoni ġeografika**, il-Figura 3 tirrifletti l-appoġġ kontinwu u sinjifikanti mill-IfS fil-Lvant Nofsani u fit-Tramuntana tal-Afrika u fl-Afrika Sub-Saħarjana, fid-dawl tal-kriżijiet imtawla fir-reġjuni.

⁵ Irreferi għal 'L-Istrument għall-Istabbiltà: Ħarsa Ġenerali tal-2013 lejn l-impenji u l-pagamenti' fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja lil dan ir-rapport.

Figura 3: Il-kopertura ġeografika tar-Rispons ġdid għall-Kriżijiet mill-IfS, 2013 (skont l-allokazzjonijiet tal-finanzjament)



Eżempji speċifiċi ta' proġetti tal-IfS fl-2013 huma pprovduti fiż-żewġ taqsimiet li ġejjin.

6. IR-RISPONS GĦAL SITWAZZJONIJIET TA' KRIŻI JEW KRIŻI EMERĠENTI (IFS, L-ARTIKOLU 3)

6.1. Kif l-IfS irrisponda għall-kriżijiet fl-2013

Fl-2013, l-IfS impenja **EUR 216,6 miljun**⁶ permezz ta' xejn inqas minn **45 miżura ta' rispons għall-kriżijiet fuq perjodu ta' żmien qasir**. L-appoġġ fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u t-Tramuntana tal-Afrika (MENA) issokta b'rispons għall-kriżijiet imtawla fis-Sirja u għall-effetti konsegwenzjali li nħassu mill-pajjiżi ġirien. L-appoġġ tul l-Afrika sub-Saħarjana kien ukoll evidenti u kien jirrifletti r-reazzjonijiet tal-UE għas-sitwazzjonijiet politiċi volatili u għat-theddidiet għas-sigurtà madwar ir-reġjun. Minbarra dan, l-appoġġ fix-Xlokk tal-Asja kompli bit-twaqqif ta' proċessi tal-paċi u l-istat tad-dritt.

Id-dettalji sħaħ tal-miżuri kollha tal-IfS li kienu qegħdin jiġu implimentati fl-2013 huma stabbiliti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-Rapport Annwali. L-azzjonijiet li ġejjin, li jispjegaw l-attivitajiet li seħew fl-2013, juru l-

⁶ Din il-figura tinkludi l-fondi ta' EUR 6 miljun ittrasferiti mill-2012 jew irkuprati mill-2013.

kamp ta' applikazzjoni wiesa' u l-ħafna tipi differenti ta' kriżijiet li l-IfS intalab jirrispondi għalihom f' diversi postijiet madwar id-dinja:

Is-Sirja: Il-kriżi mtawla fis-Sirja rat l-għoti ta' appoġġ kontinwu mill-IfS kemm fis-Sirja nnifisha kif ukoll fil-pajjiżi ġirien. Fit-Turkija, fl-Iraq, iżda l-aktar fil-Ġordan u fil-Libanu, l-IfS kien strumentali fl-għoti ta' appoġġ lill-awtoritajiet għall-akkoljenza u l-ospitar tan-numri dejjem jikbru ta' refuġjati Sirjani. Ir-refuġjati kienu wkoll megħjuna direttament, pereżempju permezz tal-għoti ta' sussidji fuq il-kiri tal-flus kontanti u t-titjib tal-kondizzjonijiet tal-għajxien, inkluż fl-istrutturi tal-governanza tal-kampijiet, fl-għoti ta' edukazzjoni alternattiva u fl-isfera tal-appoġġ psiko-soċjali. Fil-Libanu, l-IfS qiegħed jipprovdi appoġġ sinjifikanti lis-settur tal-kura tas-saħħa lokali, li jinsab taħt pressjoni enormi minħabba l-ħtiġijiet addizzjonali kkawżati mill-preżenza ta' numri kbar ta' refuġjati.

Fis-Sirja nnifisha, l-aċċess u l-kondizzjonijiet l-oħrajn għall-għoti ta' appoġġ mhux umanitarju ċertament joffru sfida akbar. Madankollu, l-IfS xorta waħda seta' jipprovdi xi assistenza diretta fil-forma ta' kura tas-saħħa primarja, sigurtà alimentari akbar u edukazzjoni bażika.

Mali: L-IfS kien wieħed mill-ewwel strumenti li setgħet tiskjera l-UE bħala parti mill-isforz usa' ta' rispons mill-UE għall-kriżi f'Mali fil-bidu tal-2013. L-IfS ipprovda pakkett ta' assistenza ta' EUR 20 miljun bil-għan li joffri appoġġ primarjament fl-oqsma tas-sigurtà u l-ġustizzja, kif ukoll assistenza għall-istabbiliment mill-ġdid tal-preżenza tal-Istat ta' Mali fit-tramuntana tal-pajjiż u lejn l-ewwel stadji tal-proċess elettorali. Din l-assistenza kienet kumplimentari għall-appoġġ ipprovdut minn strumenti oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-proġett fit-tul tal-IfS imsejjaħ 'Counter-Terrorism Sahel', iż-żewġ missjonijiet tas-CSDP – il-Missjoni tat-Taħriġ tal-UE (EUTM) għall-forza militari ta' Mali u EUCAP Sahel, kif ukoll l-appoġġ tal-UE għall-missjoni AFISMA permezz tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika tal-FEŻ.

In-Niġer: Matul l-2013, it-theddidiet għas-sigurtà fin-Niġer żdiedu minħabba r-ribelljoni u l-konflitt militari fit-tramuntana ta' Mali. Ir-ritorn fis-snin riċenti ta' madwar 250,000 immigrant ekonomiku mil-Libja lejn in-Niġer wehdom, inklużi ex-ġellieda u merċenarji, kompli jiggrava s-sitwazzjoni. Abbażi tal-appoġġ eżistenti mill-IfS lejn is-sigurtà u l-istabbilizzazzjoni fir-reġjuni tat-tramuntana tan-Niġer u Mali, intlaħaq qbil fuq appoġġ ta' segwitu sabiex jassisti fl-oqsma tal-pulizija muniċipali, fl-attivitajiet li jiġġeneraw id-dħul u fl-appoġġ għall-inizjattivi b'riżq il-paċi u r-rikonċiljazzjoni mnedija mill-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali. Dawn il-miżuri jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija Sahel tal-UE, jikkomplimentaw l-ghajjnuna umanitarja u l-assistenza għall-iżvilupp tal-UE u joħolqu sinerġiji mal-missjoni Sahel ta' CSDP EUCAP fin-Niġer.

Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA): Wara l-coup d'état ta' Marzu 2013, il-firxa ta' attivitajiet tal-IfS fir-RĊA twessgħet sabiex tkun tirrifletti s-sitwazzjoni ġdida li nħolqot. Dan sar permezz ta': pakketti ta' appoġġ lill-forzi tas-sigurtà ċivili, li jistgħu wkoll iwittu t-triq lejn sforzi komprensivi fuq ir-riforma tas-settur tas-sigurtà aktar tard; appoġġ lill-mezzi tal-midja sabiex jippermettu d-disponibbiltà ta' informazzjoni oġġettiva u sensitiva għall-konflitti f'Bangui u fil-provinċji; l-iskjerament ta' missjonijiet ta' osservazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; u t-trawwim ta' dialogu interkomunitarju permezz ta' sforzi mis-soċjetà ċivili.

Il-Kosta tal-Avorju: Wara l-ħatra ta' awtorità nazzjonali sabiex timplimenta l-politika tal-gvern għall-2012 dwar id-diżarm, id-demobilizzazzjoni u r-reintegrazzjoni (DDR), l-UE pprovdiet assistenza permezz ta' miżuri tal-IfS, li kienu jinkludu: bini ta' kapaċità u assistenza teknika, inklużi l-orjentazzjoni u t-tħejjija ta' ex-ġellieda demobilizzati li kellhom jiġu

reintegrati; appoġġ għar-reintegrazzjoni ekonomika u soċjali ta' madwar 5,000 ex-ġellieda li qabel kienu ġew demilitarizzati u demobilizzati u assistenza parallela lill-komunitajiet ospitanti sabiex joħlqu ambjent li jkun favorevoli għal tali reintegrazzjoni; kif ukoll il-monitoraġġ regolari u mill-qrib tal-programm DDR sabiex jiġi żgurat li dan l-approċċ parteċipattiv jaħseb għall-ħtiġijiet tal-komunitajiet ospitanti kif ukoll dawk tal-ex-ġellieda.

Il-Mjanmar/Burma: Minbarra l-appoġġ preċedenti u dak li għadu għaddej b'riżq il-proċess tal-paċi, inkluż lejn il-ħolqien taċ-Ċentru tal-Paċi tal-Mjanmar (Myanmar Peace Centre - MPC) fl-2012, l-approċċi mħaddna kemm mill-Uffiċċju tal-President kif ukoll minn Daw Aung San Suu Kyi u b'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin ta' April 2013, l-UE nediet assistenza għall-bini ta' kapaċità tal-Forza tal-Pulizija tal-Mjanmar sabiex ittejjeb ir-rispett tal-pulizija għad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-kontabbiltà u l-professjonaliżmu tagħhom fl-oqsma tal-ġestjoni tal-folla u l-ħidma tal-pulizija fil-komunità.

6.2. Min kien involut fl-azzjonijiet ta' rispons għall-kriżijiet tal-IFS?

Tħejjew miżuri b'kooperazzjoni mill-qrib fost l-istituzzjonijiet tal-UE u mal-Istati Membri tal-UE; kif ukoll ma' varjetà ta' msieħba: is-soċjetà ċivili; amministrazzjonijiet pubbliċi; pajjiżi terzi u oħrajn. Id-Delegazzjonijiet tal-UE għandhom irwol ewlieni, billi jipprovdu twissija bikrija u jiżviluppaw kunċetti u għażliet inizjali għar-reazzjonijiet. Fl-2013, il-maġġoranza tal-miżuri l-ġodda komplew jiġu 'sottodelegati'⁷ lid-Delegazzjonijiet tal-UE sabiex jimplementawhom fuq livell lokali, b'dawn tal-aħħar għandhom għarfien tajjeb tal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti lokali, li huwa essenzjali sabiex l-attivitajiet jirnexxu. Dan jippermetti li l-kuntratti jiġu nneozjati mal-korpi ta' implimentazzjoni mingħajr dewmien żejjed u li l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti ta' spiss sensitivi tiġi mmonitorjata mill-qrib. B'riżultat ta' dan, id-Delegazzjonijiet tal-UE kienu responsabbli għal 62% tal-impenji u għal 80% tal-pagamenti taħt l-IFS fl-2013.

Il-figuri 4a u 4b li jidhru hawn taħt jispjegaw il-firxa ta' msieħba fl-implimentazzjoni tal-IFS għall-miżuri ta' rispons għall-kriżijiet skont l-Art. 3 mill-2007 sal-2013. L-għażliet tal-imsieħba fl-implimentazzjoni jistgħu ta' spiss jiġu ddetati f'termini ta' dawk l-organizzazzjonijiet jew l-atturi b'kompetenza u preżenza qawwija fil-pajjiż li tagħtihom iċ-ċans li jirreaġixxu malajr u jużaw in-netwerks lokali b'saħħithom tagħhom fl-ambjenti volatili fejn joperaw l-azzjonijiet ta' rispons għall-kriżijiet tal-IFS. Il-familja tan-Nazzjonijiet Uniti għadha sieħba sinjifikanti fl-implimentazzjoni, l-istess kif kienu l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, filwaqt li s-sena 2013 rat żieda fil-kooperazzjoni mal-aġenziji tal-Istati Membri.

⁷ Ir-responsabbiltà legali u finanzjarja għall-użu tal-fondi tal-UE, inkluża s-setgħa li l-kuntratti jiġu ffirmati u emendati kif xieraq, hija ttrasferita mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea fi Brussell għad-Delegazzjoni tal-UE kkonċernata.

Figura 4a: L-imsieħba fl-implimentazzjoni tar-Rispons għall-Kriżijiet skont l-IfS, mill-2007 sal-2013 (skont l-allokkazzjonijiet tal-finanzjament)





Figura 4b: L-imsieħba fl-implimentazzjoni tar-Rispons għall-Kriżijiet skont l-IfS, 2013 (skont l-allokkazzjonijiet tal-finanzjament)



7. ASSISTENZA FIL-KUNTEST TAL-KONDIZZJONIJIET STABBLI GĦALL-KOOPERAZZJONI (L-ARTIKOLU 4 TAL-IFS)

Il-Kummissjoni tigarantixxi t-tnejn tal-ipprogrammar annwali u l-ġestjoni tal-assistenza skont l-Artikolu 4 fil-kuntest tal-kondizzjonijiet stabbli għall-kooperazzjoni. Il-Programmi ta' Azzjoni Annwali (AAPs) tal-IfS għall-2013 ġew adottati kif ġej: l-Artikoli 4.1 u 4.2 f'Lulju 2013⁸ u l-Artikolu 4.3 f'Marzu 2013. Aġġornament tal-implimentazzjoni ddettaljat fuq l-

⁸ Verżjoni riveduta tal-AAP approvata fit-23 ta' Diċembru 2013.

attivitajiet taħt kull wieħed mill-Artikoli huwa pprovdut fid-Dokument ta' Ħidma II tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja lil dan ir-Rapport Annwali.

7.1. Theddidiet għas-sigurtà u għas-sikurezza (l-Artikolu 4.1 tal-IFS)

Il-programmi mfassla fil-kuntest tat-theddidiet trans-reġjonali jiffokaw fuq il-bini tal-kapaċità, b'konsultazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi benefiċjarji. Tipikament, il-kapaċitajiet tas-sigurtà jissaħħu fil-livelli reġjonali u nazzjonali, bil-għan li jippermettu kooperazzjoni trans-reġjonali u globali effettiva.

Fl-2013, ġiet impenjata s-somma ta' EUR 74 miljun, b'total ta' madwar EUR 44 miljun f'pagamenti magħmula. Sal-aħħar tal-2013, u permezz tal-FSE,⁹ ġew irreklutati aktar minn 100 esperti minn organizzazzjonijiet pubbliċi jew semi-pubbliċi speċjalizzati fl-Istati Membri tal-UE, li nqas flimkien sabiex jagħmlu l-għarfien u l-kompetenzi speċifiċi tagħhom disponibbli u li pprovdew kontribuzzjonijiet tekniċi għall-identifikazzjoni u l-ippjanar iddetaljat tal-azzjonijiet tal-IFS. Dawn kienu jinkludu l-Programm ta' Azzjoni Annwali (AAP) għall-2013, kif ukoll it-tnejn għal implimenazzjoni komprensiva ta' azzjonijiet deċiżi fil-Programmi ta' Azzjoni Annwali preċedenti. It-taqsimu li ġejja tipprovdi ħarsa lejn l-avvenimenti ewlenin taż-żoni koperti:

- **Il-Programm tar-Rotta tal-Kokaina** (EUR 35 miljun mill-2009 'l hawn) ikopri 38 pajjiż fl-Afrika (essenzjalment fil-Punent tal-Afrika), fl-Amerika Latina u fil-Karibew u jappoġġja l-kapaċitajiet tal-pajjiżi msieħba sabiex jiġġieldu l-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga tul ir-rotta sħiħa, billi jiffokaw fuq l-interċezzjoni tal-flussi illeċiti tad-drogi, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Ġew iffirmati żewġ kuntratti ġodda bil-għan li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-proġett AIRCOP għal pajjiżi ġodda fl-Afrika u fl-Amerika Latina matul it-tliet snin li ġejjin, kif ukoll bil-għan li jappoġġjaw il-varar tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Pulizija fil-Punent tal-Afrika (WAPIS) fl-ewwel ħames pajjiżi pilota tagħha.
- Issokta l-appoġġ għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fuq ir-rotta tal-eroina, b'ħidma fi 15-il pajjiż fl-Asja, fl-Asja Ċentrali, fil-Kawkasju, fil-Baħar l-Iswed u fil-Balkani tal-Punent taħt l-umbrella tal-**Programm tar-Rotta tal-Eroina**, li għandu żewġ fażijiet li bħalissa qegħdin joperaw b'mod parallel: proġett kompost minn erba' komponenti, bil-maġġoranza kbira tal-attivitajiet tiegħu jiffokaw fuq l-Afganistan u l-Pakistan; it-tieni proġett jikkonsisti fi tliet proġetti awtonomi. Matul l-2013, ingħata bidu għal żewġ interventi taħt il-banner tat-tieni fażi tal-programm: proġett wieħed b'objettiv li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi f'livell operazzjonali, b'mod partikolari fl-Asja Ċentrali, u proġett ieħor li jindirizza l-kwistjoni tat-traffikar tal-bnedmin f'pajjiżi tul ir-rotta tal-eroina, b'attivitajiet li jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Azerbajġan, tal-Bosnja-Herzegovina, tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Turkija fil-ġbir tad-dejta/tal-intelliġenza, fl-analiżi u fil-kondiviżjoni sistematika tal-informazzjoni.
- Il-programm tar-**Rotot Marittimi Kritiċi** b'valur ta' EUR 22 miljun ikopri 25 pajjiż kostali fl-Oċean Indjan Usa' (inkluż fix-Xlokk tal-Asja) u fil-Golf tal-Ginea. Huwa jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-funzjonijiet tal-infurzar tal-liġi marittima ta' dawn l-Istati sabiex jgħin fil-kisba ta' traffiku marittimu aktar

⁹ Kuntratt Qafas tal-Faċilità ta' Appoġġ mill-Esperti magħmul minn speċjalisti minn organizzazzjonijiet pubbliċi jew semi-pubbliċi mill-UE. Mill-2008 'l hawn, esperti minn madwar 60 organizzazzjoni fi 17-il Stat Membru wettqu aktar minn 100 missjoni.

sikur, billi jiffoka fuq il-ġlieda kontra l-piraterija u s-serq bl-użu tal-armi fuq il-baħar, kif ukoll aspetti oħrajn tas-sigurtà marittima.

- Fl-2013 issokta l-appoġġ għall-proġetti **li jiġġieldu t-terroriżmu** fil-livelli reġjonali u nazzjonali skont l-Istrateġija tal-UE Kontra t-Terroriżmu. F'Mali, l-implimentazzjoni tal-proġett “Contre Terrorism Sahel”, li minnu jibbenifikaw in-Niġer, Mali u l-Mawritanja, bdiet b'ċerta ħeġġa b'taħriġ fuq ir-reazzjonijiet għall-attakki terroristiċi, it-tekniki investigattivi, il-ġbir u l-użu tal-intelliġenza, kif ukoll il-proċedimenti legali kontra t-terroriżmu. Tfassal proġett ġdid li għandu jikkontribwixxi għall-finanzjament kontra t-terroriżmu fil-Qarn tal-Afrika u fil-Jemen u li kien previst li jibda jiġi implimentat fil-bidu tal-2014, filwaqt li nġhata wkoll kuntratt għal proġett ġdid dwar il-Ġlieda Kontra l-Estremiżmu Vjolenti fil-Qarn tal-Afrika. Il-kollaborazzjoni mal-Pakistan issaħħet bl-appoġġ ġdid li nġhata fl-2014 għall-Ġlieda Kontra l-Estremiżmu Vjolenti bil-għan li jikkomplimenta l-appoġġ eżistenti għas-sistema tal-ġustizzja kriminali ta' Punġabi. Fix-Xlokk tal-Asja, l-IfS kien involut f'inizjattiva konġunta kontra t-terroriżmu tal-UE-UNODC (l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra d-Drogi u l-Kriminalità). L-IfS ipprova wkoll appoġġ lill-Istitut tal-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt ibbażat f'Malta permezz ta' assenjazzjoni ta' mmappjar bil-għan li tingħata informazzjoni dwar il-ħidma futura tagħhom relatata mal-ġlieda kontra t-terroriżmu. Barra minn hekk, tħejja studju dwar il-Boko Haram b'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju tal-Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali fin-Niġerja. Fl-aħħarnett, tfassal taħriġ tal-Kummissjoni fuq it-thejjiġa ta' proġetti dwar il-Ġlieda Kontra l-Estremiżmu Vjolenti, li huwa maħsub għall-persunal tal-UE u tal-Istati Membri fid-Delegazzjonijiet u fl-ambaxxati, bl-ewwel sessjoni saret f'Nairobi f'Diċembru 2013, filwaqt li mistenni jingħata aktar taħriġ fl-Afrika u fl-Asja matul l-2014.
- Fl-aħħar tal-2013 beda jiġi implimentat intervent ġdid dwar iċ-**ċiberkriminalità** b'kollaborazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa. L-Azzjoni Globali kontra iċ-Ċiberkriminalità (GLACY) għandha l-għan li ttipromwovi l-adezzjoni mal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità, kif ukoll li tippermetti lill-awtoritajiet tal-ġustizzja kriminali sabiex jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni internazzjonali dwar iċ-ċiberkriminalità u l-evidenza elettronika fuq il-bażi ta' dan it-trattat.
- Ġie fformulat proġett pilota dwar is-**sigurtà ċibernetika**, li huwa previst li jibda fil-bidu tal-2014, bil-għan li jibni r-reżistenza tal-infrastruttura kritika tal-IT u li jrawwem l-armonizzazzjoni u l-iżvilupp ta' leġislazzjoni nazzjonali b'konformità mal-istandards internazzjonali fil-pajjiżi magħżula.
- Bil-għan li l-awtoritajiet nazzjonali ġudizzjarji, tal-kontroll u tal-infurzar tal-liġi jkun jistgħu jirrispondu b'mod effiċjenti għall-produzzjoni u t-traffikar ta' **mediċini ffalsifikati**, tfassal u ġie kkuntrattat intervent ġdid intiż biex jindirizza t-theddidiet għas-saħħa pubblika, li l-implimentazzjoni tiegħu hija prevista li tibda fl-2014. L-enfasi ġeografika tal-proġett, li għandu jipprovdi l-qafas legali neċessarju u l-kapaċitajiet sabiex dawn l-operazzjonijiet ikunu jistgħu jitwettqu b'mod effettiv fil-livell sub/trans-reġjonali u nazzjonali applikabbli, sejra tkun fuq il-Gana, is-Senegal, il-Ġordan, il-Marokk u l-Kamerun, minħabba l-impenn politiku li dawn qegħdin juru fl-indirizzar tal-isfidi kkawżati mill-mediċini ffalsifikati.
- Bil-għan li jiġu miġġielda **l-akkumulazzjoni illeċita u t-traffikar ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW)** u li jiġu indirizzati l-effetti destabbilizzanti tagħhom, intlaħqu diversi miri importanti minn inizjattiva li ġiet implimentata mill-UNODC

(Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra d-Droga u l-Kriminalità), li hija intiża biex tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-Protokoll tagħha dwar l-Armi tan-Nar. Bl-istess mod, il-proġett iARMS implimentat mill-INTERPOL daħal fit-tieni fażi tiegħu (2012-2013) wara t-tlestija b'suċċess tal-ewwel stadju (2011-2012). Fl-Afrika, l-ewwel fażi ta' appoġġ liċ-Ċentru Reġjonali għall-Armi Żgħar (Nairobi, il-Kenja) waslet fi tmiemha f'Ġunju 2013 u minn hemm kien immarkat il-bidu tat-tieni fażi tiegħu, li sejra tkun mifruxa fuq tliet snin. Fl-Amerika Ċentrali, it-tieni fażi ta' appoġġ lill-Programm tal-Amerika Ċentrali għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (CASAC) daħlet fit-tieni sena tal-implimentazzjoni tagħha mill-Kummissjoni tas-Sigurtà tas-Sistema ta' Integrazzjoni tal-Amerika Ċentrali (SICA).

7.2. Il-mitigazzjoni tar-riskji marbuta ma' materjali Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari (CBRN) (l-Artikolu 4.2 tal-IFS)

Il-programm CBRN ikopri r-riskji relatati ma' kwistjonijiet aċċidentali, naturali jew malevolenti marbuta ma' materjal CBRN u għandu l-għan li jtejjeb il-kultura ta' sikurezza u sigurtà billi jxerred l-aħjar prattiki u billi jgħolli l-livell ġenerali tas-sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà u s-sikurezza. Qabel l-2010, l-oqsma differenti kienu koperti separatament.¹⁰ Il-programm CBRN għandu strateġija reġjonali u tkun biss l-eċċezzjoni meta huwa jkopri proġetti bilaterali f'pajjiż wieħed (l-eċċezzjonijiet huma l-Afganistan u l-Pakistan għas-sustanzi kimiċi, għall-bijosikurezza u għall-bijosigurtà).

Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza' (CoE) tas-CBRN qegħdin jipprovdu gradwalment pjattaforma unika u integrata għall-azzjonijiet fl-oqsma kollha tal-monitoraġġ tal-fruntieri/traffikar illeċitu, il-kontroll tal-esportazzjoni, il-bijosikurezza, il-bijosigurtà, eċċ., inklużi miżuri ta' protezzjoni ċivili (ippjanar għal każijiet ta' emerġenza, tħejjija u rispons għall-kriżijiet). L-inizjattiva hija implimentata b'kooperazzjoni mill-qrib mal-EEAS u bl-għajnuna tal-Istitut Interreġjonali ta' Riċerka tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità u l-Ġustizzja (UNICRI). Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea jassigura l-appoġġ tekniku tal-inizjattiva. Dawk is-CoEs ifittxu li jsaħħu l-politiki ta' mitigazzjoni tar-riskji tas-CBRN billi jiżviluppaw pakketti ta' għajnuna skont il-każ. Dawn għandhom jikkostitwixxu għodda ewlenija għall-bini tal-kapaċità, għall-iżvilupp ta' politiki reġjonali koerenti u għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-kapaċitajiet reġjonali u nazzjonali f'dan il-qasam. Fl-2012, l-UE waqqfet CoE fix-Xlokk tal-Asja (il-Filippini), fix-Xlokk tal-Ewropa/fin-Nofsinhar tal-Kawkasju/fl-Ukraina (il-Ġeorġja), fit-Tramuntana tal-Afrika (l-Alġerija), fil-"Façade tal-Atlantiku" (il-Marokk), fil-Lvant Nofsani (il-Ġordan) u fl-Afrika Ċentrali u tal-Lvant (il-Kenja). Ħames Segretarjati Reġjonali lokali tas-CoE bdew joperaw fl-2013 u erbgħa oħra ġew inawgurati uffiċjalment. Barra minn hekk, ġew stabbiliti kuntatti mal-pajjiżi tal-Kunsill tal-Kooperazzjoni tal-Golf u tal-Asja Ċentrali. Fl-2013, il-Kummissjoni bdiet eżerċizzju ta' valutazzjoni tat-theddiet u tal-ħtiġijiet mal-pajjiżi msieħba tal-inizjattiva tas-CoE bil-għan li tidentifika l-ħtiġijiet ewlenin tal-pajjiżi b'rabta mas-CBRN. Dawn il-valutazzjonijiet se jrin jiġu segwiti mit-twaqqif ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tas-CBRN li jkunu maħsuba biex jistabbilixxu l-azzjonijiet ta' prijorità tal-pajjiżi kkonċernati. Id-definizzjoni tal-proġetti futuri fir-reġjuni CoE sejra tkun ibbażata fuq dawn il-prijoritajiet.

Il-proġetti ewlenin ta' CBRN-CoE immedija jinkludu: fil-Lvant Nofsani, is-CoE f'Amman ħejja proġett fuq it-taħriġ tal-persunal ċivili tal-ewwel intervent għad-diżastri ta' CBRN (HAZMAT). Is-CoE tal-Façade Atlantiku Afrikan (AAF) fil-belt ta' Rabat nieda proġett fuq l-

¹⁰ Pereżempju, il-kontroll fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, it-traffikar illeċitu, ir-ridirezzjoni ta' dawk li kienu xjenzati speċjalizzati fl-armi u l-kultura tas-sigurtà u s-sikurezza.

iskart bijoloġiku u kimiku perikoluż. Huwa jinvolvi seba' pajjiżi msieħba mill-AAF u t-Tuneżija. It-tieni proġett kondiviż bejn is-CoE ta' Rabat u Nairobi għandu jgħin lill-pajjiżi msieħba jibnu u jsaħħu l-leġiżlazzjoni u jiżviluppaw miżuri ta' infurzar effiċjenti sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi internazzjonali. F'dan il-proġett qegħdin jipparteċipaw disa' pajjiżi, filwaqt li disa' pajjiżi oħrajn diġà esprimew l-interess tagħhom li jipparteċipaw fi proġett simili.

Oqsma appoġġjati oħrajn jinkludu diversi oqsma ta' attivitajiet li jitwettqu b'koordinazzjoni man-netwerk tas-CoE.

- **Il-komunikazzjoni tal-attivitajiet relatati mal-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju**, li rriżultaw fi programmi implimentati b'suċċess f'aktar minn 23 Stat madwar id-dinja, għet estiża. Il-kooperazzjoni mal-programm ta' Kontroll tal-Esportazzjoni tal-EXBS tal-Istati Uniti¹¹ għet imsaħħa. F'Ġunju 2013 sar djalogu komuni fi Brussell dwar il-komunikazzjoni fuq il-kontroll tal-esportazzjoni internazzjonali. Għet deċiż li għandu jiġi stabbilit Grupp ta' Ħidma komuni sabiex isahħa il-koordinazzjoni bejn l-Istati Uniti u l-UE bil-għan li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kontroll tal-esportazzjoni. Abbażi tal-iżviluppi attwali, fit-tieni nofs tal-2013 saru estensjoni u tisħiħ tal-attivitajiet fil-Lvant Nofsani/Asja Ċentrali. Fl-aħħarnett, għet definit approċċ għid għall-attivitajiet ta' kontroll tal-esportazzjoni sabiex jiggarrantixxi impatt aħjar fuq l-operaturi f'dan il-qasam inkarigati mill-attivitajiet ta' kontroll.
- Permezz taċ-Ċentru ddedikat għax-Xjenza u t-Teknoloġija (STCU) abbażi ta' sħubija msaħħa bejn il-Partijiet u bi skema ta' kofinanzjament tal-attivitajiet, komplata jingħata **sostenn għat-taħriġ mill-għid u għall-offerta ta' impjeg alternattiv lil dawk li kienu xjenzati u inġiniera speċjalizzati fl-armi** li ġejjin minn pajjiżi li kienu jiffirmaw parti minn dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika, filwaqt li ċ-Ċentru Internazzjonali għax-Xjenza u t-Teknoloġija (ISTC) jinsab għaddej bi proċess ta' riforma, jiġifieri, l-objettivi jiġu aġġornati u l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku jitwessa'. Il-Kummissjoni u l-EEAS ingħataw mandat mill-Kunsill sabiex jinnegożjaw ftehim rivedut tal-ISTC. Iċ-Ċentru sejjer jiġi ttrasferit lejn Astana, fil-Kazakistan. Fl-2013, l-ISTC inawgura Ċentru Reġjonali għall-Bijosikurezza u l-Bijosigurtà ffinanzjat minn proġett tal-UE f'Dušanbe u beda t-taħriġ ta' esperti mit-Taġikistan u mill-Afganistan għar-ridirezzjonar tal-attivitajiet tagħhom lejn użu paċifiku. Fl-2013 ġew organizzati attivitajiet oħrajn ta' ridirezzjonar tax-xjenzati fl-Iraq. 98 speċjalista fir-radjoġija u l-enerġija nukleari rċewew taħriġ għar-ridirezzjonar tal-attivitajiet tagħhom lejn id-dekummissjonar ta' installazzjonijiet nukleari.
- Bħalissa għaddejja l-**għlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' materjal CBRN u kontra l-prattiki finanzjarji qarrieqa**, fejn qegħdin jittieħdu azzjonijiet fl-Asja Ċentrali, fix-Xlokk tal-Asja u fit-Tramuntana tal-Afrika. Għet ffirmat it-tieni kuntratt mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) sabiex jingħata kontribut għal Laboratorju għid għall-Materjal Nukleari li jintuża mis-Servizzi Analitiċi ta' Salvagwardja tal-IAEA f'Seibersdorf, l-Awstrija. Barra minn hekk, it-Tajlandja, il-Kambodja, Laos, il-Filippini u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo rċewew sostenn għad-detezzjoni ta' materjal nukleari u radjoloġiku.

¹¹ Kontroll fuq l-Esportazzjoni u Għajnuna għas-Sigurtà tal-Fruntieri Relatati

- Fil-Viċinat tan-Nofsinhar u l-Lvant tal-UE tnediet strateġija ta' Bijosikurezza u Bijosigurtà għall-viċinat tal-UE permezz tal-implimentazzjoni tal-eżitu tal-proġett EpiSouth (17-il pajjiż imsieħba mhux membri tal-UE u 10 Stati Membri). In-network EpiSouth, li huwa primarjament limitat għall-baċir tal-Mediterran, kompla jiġi estiż sabiex issa jinkludi wkoll l-Armenja, il-Ġeorġja, il-Moldova u l-Ukraina. Din l-istrateġija, permezz tal-esplojtazzjoni tan-network ta' pajjiżi EpiSouth, iġġenerat erba' proġetti ewlenin, li kollha ġew immedija fl-aħħar tal-2013. L-ewwel u l-akbar wieħed fosthom huwa l-proġett "MediPIET", li jissokta bit-taħriġ tal-epidemjologi tal-interventi li jikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-oġettiv ġenerali tat-tisħiħ tas-saħħa u tal-bijosigurtà fil-viċinat. L-għan tiegħu huwa li jibni l-kapaċità għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' theddidiet naturali jew ikkawunati mill-bniedem għas-saħħa minn mard li jittieħed. It-tieni proġett bijoloġiku, taħt it-tmexxija tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), qiegħed jinvestiga l-mard batterjoloġiku emerġenti u għandu l-għan li jsaħħaħ is-saħħa pubblika għall-patoġeni tal-batterji emerġenti (l-antraċe, it-tularemlja, il-pesta, it-tuberkolożi, eċċ.) u n-netwerks ta' sorveljanza antimikrobjali għat-tifqigħat possibbli. It-tielet proġett parallel, "Medilabsecure", taħt it-tmexxija tal-Istitut Pasteur, isegwi r-riskji marbuta mal-vajrusijiet emerġenti u emerġenti mill-ġdid li jaffettwaw lill-bnedmin u lill-annimali, filwaqt li joħloq network ta' entomologi. Ir-raba' proġett, immexxi mid-WHO, għandu l-għan li jżid is-sigurtà tas-saħħa fuq livell globali billi jgħin lill-pajjiżi fit-titjib u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-kontroll u r-rispons għal avvenimenti tas-saħħa pubblika relatati ma' attivitajiet f'punt ta' dħul fuq il-baħar, fl-ajru jew fuq l-Art fir-rigward tat-trasport u l-ivvjaġġar internazzjonali. L-approċċ huwa multisettorjali u għandu l-għan li jnaqqas ir-riskji assoċjati mar-rilaxx naturali jew deliberat tal-patoġeni.
- **Fl-2013, il-missjoni tal-eliminazzjoni u l-qerda tal-ħażniet kimiċi tas-Sirja** kienet appoġġjata finanzjarjament mill-inizjattiva CBRN tal-programm IfS. Wara l-modifika tal-programm tal-AAP għall-2013, l-UE allokata EUR 12-il miljun għall-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) għan-newtralizzazzjoni u l-inċinerazzjoni tas-sustanzi kimiċi tas-Sirja b'kooperazzjoni mal-komunità internazzjonali.

7.3. Bini tal-kapaċità qabel il-kriżi u wara l-kriżi (l-Artikolu 4.3 tal-IfS)

Mill-2007 sal-2013 ġiet allokata s-somma ta' €103 miljun sabiex tappoġġja l-bini ta' madwar 140 proġett u għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-UE u tal-imsieħba tagħha qabel u wara l-kriżi fil-livell nazzjonali, reġjonali u globali. Il-figura 5 ta' hawn taħt tirrifletti l-oqsma tematiċi ewlenin ta' appoġġ koperti mill-2007 sal-2013, filwaqt li l-figura 6 turi l-firxa ta' msieħba fl-implimentazzjoni.

Figura 5: L-oqsma tematiċi tal-appoġġ għall-bini tal-kapaċità mill-2007 sal-2013 (l-allokazzjonijiet tal-finanzjament skont l-Art. 4.3 tal-IFS)





Figura 6: L-imsieħba fl-implimentazzjoni mill-2007 sal-2013 għall-bini tal-kapaċità skont l-Art. 4.3 (l-allokazzjonijiet tal-finanzjament)



Taħt l-AAP għall-2013 ġiet allokata s-somma ta' €24 miljun u t-taqsimha li ġejja ttiprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kisbiet u l-impatti ewlenin relatati mal-proġetti kontinwi li kienu għadhom għaddejjin fl-2013.

Il-prevenzjoni tal-konflitti, il-bini tal-paċi u l-fraġilità: Permezz tan-Netzwerk ta' Djalogu mas-Soċjeta' Ċivili (Civil Society Dialogue Network - CSDN), twaqqaf forum vijabbli għad-djalogu dwar kwistjonijiet relatati mal-bini tal-paċi bejn l-UE u atturi tas-soċjeta' ċivili, b'dawn tal-aħħar jingħataw opportunità li jikkontribwixxu għall-proċessi tat-tfassil tal-politika tal-UE. Is-sena 2013 immarkat it-tielet sena ta' din il-pjattaforma, b'40 laqgħa ta' djalogu li saru sal-aħħar tal-2013, illi kkontribwixxew għall-kapaċitajiet fit-tul tas-soċjeta' ċivili f'pajjiżi terzi, kif ukoll tal-imsieħba Ewropej tagħhom, sabiex ikunu mħejjija aħjar għall-prevenzjoni tal-kriżijiet.

Il-medjazzjoni, id-djalogu u r-rikonċiljazzjoni: Minħabba l-appoġġ tal-IfS lit-Taqsima tal-Appoġġ għall-Medjazzjoni fi ħdan id-Dipartiment tal-Affarijiet Politiċi tan-Nazzjonijiet Uniti, ġiet ipprovduta assistenza kritika f'sitwazzjonijiet ta' kriżi ta' profil għoli fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA), f'Mali u fis-Somalja. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċessi tal-paċi tjobbet permezz tal-għoti ta' taħriġ lil sitt nisa li ġew identifikati bħala kandidati għal ħatriet potenzjali f'pożizzjonijiet ta' medjaturi mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll permezz tal-iżvilupp ta' "Seminar ta' Livell Għoli dwar is-Sessi u l-Proċessi tal-Medjazzjoni Inklużiva". B'kooperazzjoni mal-UNDP, l-IfS ikkontribwixxa wkoll għat-twaqqif ta' kapaċitajiet u mekkaniżmi nazzjonali sostenibbli għall-medjazzjoni interna u l-ġestjoni tal-konflitti f'disa' pajjiżi pilota.¹²

Ġiet iddisinjata faċilità versatili ġdida tal-IfS, imsejħa "ir-Riżorsi Ewropej għal Appoġġ ta' Medjazzjoni" (European Resources for Mediation Support - ERMES), maħsuba sabiex tiffaċilita l-provvista rapida u flessibbli ta' assistenza ta' medjazzjoni teknika lil partijiet terzi involuti fi proċessi tal-paċi inklużivi f'livell lokali, reġjonali u/jew internazzjonali, billi toħloq kondizzjonijiet li jippermettu lin-nisa, liż-żgħażaġh u lil gruppi vulnerabbli oħrajn jesprimu l-fehmiet tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' konflitt.

In-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (Women, Peace and Security - WPS) u t-tfal: L-IfS komplja jappoġġja l-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 permezz ta' proġett pilota ma' UN Women dwar it-tiŝhih tal-Parteċipazzjoni tan-Nisa fil-Bini tal-Paċi u fl-Ippjanar Wara l-Konflitt fil-Kosovo¹³, fil-Liberja u f'Timor Leste. Fil-Kosovo, mijiet ta' rġiel, nisa u żgħażaġh attendew għal djalogi ta' rikonċiljazzjoni, fejn kellhom iċ-ċans li jipproduċu rakkomandazzjonijiet konkreti fuq kwistjonijiet bħal-Liġi dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, l-impjeg tan-nisa u l-edukazzjoni tal-bniet. Intlaħqu wkoll ftehimiet ma' stabbilimenti tal-midja ewlenin fil-Kosovo sabiex jiddedikaw spazju għall-kwistjonijiet relatati mad-WPS fl-iprogrammar tagħhom. Barra minn hekk, il-kwistjoni tad-WPS kienet immirata bħala prijorità għas-sejħiet għal proposti lokali fi 17-il pajjiż u 3 reġjuni,¹⁴ li jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet relatati mas-sessi.

Twissija Bikrija u għarfien tas-sitwazzjoni: L-appoġġ tal-IfS ippermetta lis-CSO Belun ta' Timor Leste tniedi u tespandi sistema ta' Twissija Bikrija u Rispons Bikri (Early Warning, Early Response - EWER), evalwata bħala wieħed mill-aqwa eżempji fil-qasam tas-sistemi

¹² Il-Bolivja, iċ-Ċad, il-Gana, il-Gujana, il-Maldive, il-Mawritanja, in-Nepal, it-Togo u l-Jemen.

¹³ Din id-deżinjazzjoni għandha tkun bla ħsara għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus u hija konformi mal-UNSCR 1244 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.

¹⁴ L-Afganistan, il-Bolivja, il-Bosnja-Herzegovina, il-Brażil, iċ-Ċad, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), El Salvador, il-Ginea Bissaw, l-Indja, il-Kirgiżistan, il-Liberja, in-Nepal, il-Nikaragwa, il-Peru, is-Senegal, il-Gżejjer Solomon, il-Jemen, ir-Reġjun tal-Amerika Ċentrali, l-Asja t'Isfel, ir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Afrika Ċentrali.

EWER, billi tikkontribwixxi b'suċċess għat-tnaqqis tat-tensjonijiet u l-potenzjal globali tal-konflitti lokali. L-appoġġ permezz ta' Saferworld u l-ICG ippermetta lill-atturi reġjonali u lokali jkunu kapaċi janalizzaw ir-riskji ta' konflitt fi 32 sitwazzjoni ta' konflitt potenzjali u li jipprovdu analiżi tal-konflitti ta' kwalità għolja lil dawk li jfasslu l-politika u lis-soċjetà ċivili b'rakkomandazzjonijiet għall-miżuri ta' rispons bikri.

Il-kapaċitajiet ta' rkupru wara d-diżastri u twissija bikrija tal-organizzazzjonijiet reġjonali u sub-reġjonali ssaħħew, inkluż permezz tat-tiżiħ tal-kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet tal-Lega tal-Istati Għarab, l-iżvilupp tal-kapaċità tal-monitoraġġ tal-midja tas-Segretarjat tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS) u l-ġhoti ta' appoġġ kontinwu għas-Sistema Kontinentali ta' Twissija Bikrija lill-Unjoni Afrikana. L-IfS appoġġja t-tiżiħ tal-kapaċitajiet ta' ASEAN u tal-Istati Membri tagħha sabiex jirrispondu għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza. F'dan il-kuntest, f'Novembru 2013 sar l-ewwel taħriġ għall-membri tal-persunal futuri taċ-Ċentru tal-Kriżijiet Nazzjonali tal-Mjanmar, li kkoïncida ma' żjara f'dan iċ-ċentru minn HR/VP Ashton.

Il-kapaċità ċivili għall-ġestjoni tal-kriżijiet: Wara li fl-2012 intemmet b'suċċess l-ewwel fażi, f'April 2013 tnieda mill-ġdid il-programm ENTRI (Inizjattiva Ġdida tal-Ewropa ta' Taħriġ għall-Ġestjoni Ċivili tal-Kriżijiet). Matul il-kors tas-sena, ġew organizzati disa' sessjonijiet ta' taħriġ imfassla apposta (medja ta' waħda fix-xahar) li saħħew il-kapaċitajiet ta' 210 membru tal-persunal (kemm ċittadini tal-UE kif ukoll ċittadini minn barra l-UE) stazzjonati jew li waslu biex jiġu stazzjonati f'missjonijiet internazzjonali ta' ġestjoni ċivili tal-kriżijiet tal-UE, tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-UA u tal-OSKE. Il-korsijiet kienu jinkludu kemm sessjonijiet ta' taħriġ qabel l-istazzjonar għal missjonijiet internazzjonali fil-Libja, fil-Ġeorġja u fil-Kosovo, kif ukoll korsijiet ta' speċjalizzazzjoni li jkopru suġġetti bħad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istat tad-Dritt, il-Medjazzjoni u l-Mentoring. Barra minn hekk, trawmu l-interoperabbiltà u l-approċċi ta' taħriġ armonizzat bejn it-13-il membru tal-konsorzju Ewropew tal-ENTRI, filwaqt li f'Settembru 2013 ġie ppubblikat manwal Prattiku għall-popolazzjoni ċivili stazzjonati f'missjonijiet ta' kriżijiet internazzjonali ("In Control").

Fl-2013 ġew organizzati tliet sessjonijiet ta' taħriġ ewlenin taħt il-programm ta' Taħriġ tas-Servizzi tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPST), rispettivament, mill-Gwardja Ċivili Spanjola, mill-Ġendarmerija Nazzjonali Franċiża u mill-Carabinieri Taljani, li kkontribwixxew għall-bini tal-kapaċità ta' 1019-il uffiċjal tal-pulizija minn 42 pajjiż, inklużi 19-il pajjiż Afrikan, bil-għan li jipparteċipaw f'missjonijiet tal-pulizija internazzjonali.

Ir-riżorsi naturali u t-tibdil fil-klima: Is-"Sħubija bejn l-UE u n-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Art, ir-Riżorsi Naturali u l-Prevenzjoni tal-Konflitti" kompliet issaħħaħ il-kapaċità tas-CSOs lokali fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar Afrikani bil-għan li jinftiehem d-dinamiċi tal-konflitti u jiġu żviluppati soluzzjonijiet li jkunu sensitivi għall-konflitti fir-rigward ta' kwistjonijiet kontenzjużi relatati mal-ġestjoni tar-riżorsi naturali. Permezz tal-proġett tal-Inizjattiva għall-Ambjent u s-Sigurtà (ENVSEC) dwar "It-Tibdil fil-Klima u s-Sigurtà fil-Lvant tal-Ewropa, fl-Asja Ċentrali u fin-Nofsinhar tal-Kawkasju", ġie żviluppat qafas strateġiku għall-adattament għat-tibdil fil-klima tal-baċir tax-xmara Dniester.

Irkupru bikri, PCNA/PDNA: F'Settembru ġiet organizzata sessjoni ta' taħriġ b'valutazzjoni tal-ħtiġijiet qabel konflitt (PCNA) u b'valutazzjoni tal-ħtiġijiet wara konflitt (PDNA), intitolata 'It-Tiżiħ tal-Kooperazzjoni f'Pajjiżi Fraġli u Affettwati minn Konflitt', li għaliha attendew il-persunal tal-Kwartieri Ġenerali u l-membri tal-persunal li jaħdmu f'dan il-qasam mill-UE u min-Nazzjonijiet Uniti.

Diżarm, Demobilizzazzjoni u Reintegrazzjoni u Riforma tas-Settur tas-Sigurtà: Il-kapaċitajiet tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS) issa hew permezz ta' proġett konġunt bejn l-UE u n-Nazzjonijiet Uniti, implimentat minn UNOPS. Waqt workshop li sar f' Addis Ababa f' Novembru, ġew diskussi tliet Noti ta' Gwida Operazzjonali tar-RSS. Dan il-workshop laqqa' flimkien rappreżentanti tal-Komunitajiet Ekonomiċi u Reġjonali u tas-soċjetà ċivili.

Fi tmiem iċ-ċiklu ta' pprogrammar tar-Regolament dwar l-IfS, ġiet ikkummissjonata evalwazzjoni esterna sabiex tivvaluta l-impatt tar-riżultati tal-proġett tal-komponent dwar l-Istat ta' Tħejjija għall-Kriżijiet skont l-Artikolu 4.3 tal-IfS matul il-perjodu 2007-13. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-komponent tal-IfS dwar l-Istat ta' Tħejjija għall-Kriżijiet huwa element indispensabbli tal-arkitettura komprensiva tal-UE għall-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp u għandu jkun inkorporat b'mod sħiħ f'din l-istruttura. Hija sabet li l-komponent jippermetti lill-UE tindirizza l-kwistjonijiet ta' konflitt fl-aktar sens wiesa' possibbli u li l-proġetti individwali bnew jew sa hew il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-isforzi tal-bini tal-paċi u li jsa hhu l-kunċett ta' komunità ta' prattikanti. Minkejja baġit limitat, l-azzjonijiet appoġġjati kkontribwixxew għall-issodisfar tal-impenji tal-UE rigward in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, kif ukoll il-medjazzjoni u d-djalogu. L-investment lokali fis-soċjetà ċivili f' 26 pajjiż/reġjun affettwati mill-konflitti kien strumentali fl-organizzazzjoni ta' 80 proġett rilevanti għall-kuntesti tal-pajjiżi u sabiex jiġi żgurat li dawn jissodisfaw il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet, mhux biss fil-livell tal-pajjiż, iżda anki lokalment. Il-komponent tal-IfS dwar l-Istat ta' Tħejjija għall-Kriżijiet intuża b'effett kbir fil-ħolqien ta' sħubiji strateġiċi, b'mod partikolari fil-livell multilaterali, ma' proġetti tan-Nazzjonijiet Uniti, li kellhom impatt sinjifikanti fuq ir-relazzjonijiet tal-UE ma' diversi aġenziji speċjalizzati tan-Nazzjonijiet Uniti.

8. KONKLUŻJONI

Il-miżuri tal-IfS li ġew implimentati fl-2013 u li jikkumplementaw azzjonijiet oħrajn tal-UE skont l-istrumenti tal-iżvilupp ġeografiċi u tematiċi, l-għajjnuna umanitarja u l-missjonijiet tal-PSDK, ikkontribwixxew b'mod sinjifikanti għall-isforzi tal-UE fil-prevenzjoni tal-konflitti, fir-rispons għall-kriżijiet u fil-preservazzjoni tal-paċi. F'dan ir-rigward, il-firxa wiesgħa ta' interventi implimentati skont l-Istrument għall-Istabbiltà ppermettiet reazzjonijiet sinjifikanti u viżibbli mill-UE fir-rigward ta' ħafna sitwazzjonijiet ta' kriżi madwar id-dinja.

Minħabba l-instabbiltà politika kontinwa u l-għadd dejjem jikber ta' diżastri naturali f'ħafna partijiet tad-dinja, huwa imperattiv li nkomplu na hdmu lejn użu aktar effiċjenti u effettiv tal-istrumenti disponibbli tal-UE. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li l-UE tiżgura li l-azzjonijiet tal-IfS jiġu varati bħala parti miċ-ċiklu sħiħ tal-prevenzjoni tal-kriżijiet, ir-rispons għall-kriżijiet u l-miżuri għall-bini tal-paċi. L-IfS ipprova lill-UE b'abbiltà unika ta' rispons, billi f'ħafna każijiet jaġixxi bħala punt tad-dħul u bħala katalista sabiex jippermetti l-ikkombinar ta' firxa wiesgħa ta' reazzjonijiet tal-UE bil-għan li jiffurmaw l-approċċ strateġiku u komprensiv tal-UE għall-prevenzjoni tal-konflitti u r-rispons għall-kriżijiet. Kif ġie ċċitat fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Approċċ Komprensiv tal-UE, *'l-impenn għat-tul fil-bini tal-paċi u tal-istat u l-iżvilupp sostenibbli fit-tul huma essenzjali sabiex jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti ta' kunflitt u biex jinbnew soċjetajiet paċifiċi u reżiljenti. L-għanijiet ġenerali ta' paċi u żvilupp*

*sostenibbli għandhom ikunu fil-qalba tar-rispons tal-UE mill-bidu nett – l-UE irid ikollha wkoll viżjoni fit-tul għall-impenji u l-azzjonijiet tagħha fuq perjodu ta' żmien qasir.*¹⁵

Fl-2014, l-IFS sejjer iwitti t-triq għall-Istrument il-ġdid li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP). Il-konsultazzjonijiet dwar l-IcSP il-ġdid irriafferma l-ħtieġa li l-UE żżomm u tespandi l-kapaċità tagħha sabiex tipprova rispons bla xkiel u mmirat għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi fi bnadi oħra fid-dinja, kif ukoll għat-theddidiet u t-theddidiet emerġenti trans-reġjonali u globali (il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika; il-ġlieda kontra t-terroriżmu; il-mitigazzjoni tar-riskji CBRN). L-IcSP il-ġdid sejjer jenfasizza mill-ġdid ukoll l-enfasi fuq il-prevenzjoni tal-konflitti, il-bini tal-paċi u t-tħejjija għall-kriżijiet, billi jirrikonoxxi li rispons bikri mill-UE jista' ta' spiss ikun mezz effettiv sabiex jiġi evitat li t-tensjonijiet jeskalaw fi kriżi.

¹⁵

Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: L-approċċ komprensiv tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet esterni: Brussell, 11.12.2013, JOIN(2013) 30 finali.